## 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 30

IL-ĦAMIS 15 TA' JANNAR 2015 FIL-5.00 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ŻAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## SKUŻAT

| | |
|---|---|
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

## 1 Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tas-seduta no. 29 ġew moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezzjonijiet:

Dwar punt 2.3, is-Sindku qal li għanda titneħħa il-parti mill-minuta illi tgħid '..u hawn propona.'

Dwar punt 9, T Castelletti qal li fir-raba' paragrafu għandu jinbidel tmiem il-minuta biex jigi jgħid '..tal-gvern jsewwu ħsarat li saru fil-jiem li għaddew.'

Dwar punt 8, il-Kunsill qabel li jitneħħa il-kliem 'għar-residenti'.

Il-minuti ġew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku Max Żammit u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2 Materji mill-Minuti

**2.2** - Is-Segretarju informa lill-Kunsill li ġie infurmat min Transport Malta illi t-triq preżentament mgħaluqa tax-Xatt ser tinfetaħ għat-tielet ġimgħa ta' Frar. Il-Kunsill qabel li jmexxi bil-proposta tad-dgħajjes.

**2.3** - Is-Segretarju qal li l-korrispondenza msemmija intbgħatet lill-*British High Commission*. Is-Sindku qal li tkellem informalment mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin fuq din il-kwistjoni, u l-Ministru jaqbel mal-Kunsill fuq l-materja. Il-Ministru qal lis-Sindku biex jinsisti fuq il-pożizzjoni tiegħu.

**2.4** - Is-Segretarju qara l-email mill-avukat tal-Kunsill. Is-Sindku qal li kien ikun aħjar kieku ftehmna mas-Sur Portelli, għax konna nħallsu inqas min dan l-ammont. Il-Kunsill qabel li nsaqsu lill-avukat kienx preżenti fis-smiegħ tal-kawżi, u kif wasalna f'din is-sentenza. Il-Kunsill qabel li tinbgħat e-mail lill-avukat fuq dan il-każ u nistaqsu dwar kif l-aħjar mmexxu min issa l'hemm. Nistaqsu ukoll l-għaliex inqata kontrina l-appell.

**4.1** - Is-Segretarju qal li x-xogħol fuq l-progett tal-*embellishment* beda.

**4.2** - Is-Segretarju qal li x-xogħol fuq is-sistema tal-*live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill beda. L-istallazzjoni ser tkompli fil-jiem li ġejjin.

**Punt 6** -Is-Sindku saqsa jekk il-formola għal-Ġieħ Ta' Xbiex hix lesta. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv u qal li ma ħasibx kienet maħsuba tkun lesta għalissa. Ser ikun qed ilestiha.

**Punt 5** - Is-Sindku qal li l-organiżżaturi tal-Karnival għadhom ma ġabrux biżżejjed *sponsors*, u jista jkun li l-attivita' mhix vijabli mingħajr finanzjament tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li joħrog budget sa €1000 għal din l-attivita'.

T Castelletti qal li llum irċivejna e-mail mid-DLG li l-attivita' *Connecting Through Cultures* taħbad ma waħda ta' Tas-Sliema. Is-Segretarju qal li f'Tas-Sliema ġie deċiz li jitwieġeb li d-dati ma jinbidlux għax diga saru xi *bookings*. T Castelletti qal li ħa jkollna support mill-*Malta Arts Council* bħala musiċisti, kantanti u żeffiena għax-*shows*. Ħa jgħinuna ukoll biex inġibu palk b'xejn. Ħa nitilfu s-*support* tal-*Arts Council* jekk inbiddlu dawn id-dati. Il-Kunsill qabel li nwieġbu billi ngħidu li diġa miftemin mal-*Malta Arts Council* u l-Ammbaxxati involuti u għaldaqstant id-dati ma jistgħux jinbidlu.

**Rapporti tal-Kunsilliera**

**T Castelletti** - Qal li qed isir xi xogħol ix-Xatt, u ħadd ma jaf x'qed isir eżatt. F Roe qal li dawn huma *charging points* tal-karozzi li jaħdmu bil-batteriji. Din konna tkellimna u oggezzjonajna għax ma għandhomx isiru erba' *charging points*, iżda tnejn ikunu biżżejjed.

- Propona li niktbu ittra ta' protesta għax saret *station* għac-*charging* tal-karozzi mingħajr ma ġie ikkonsultat il-Kunsill. Ngħidu li aħna ma naqblux magħha. Wieħed tajjeb li jirrimarka li bħala Kunsill Lokali, filwaqt li insistejna li naqblu mal-kunċett tagħha, aħna kellna r-riservi tagħna għal fatt li ridna żewġ *charging points* u mhux erbgħa, u li l-mod kif saru marru kontra l-estetika tal-post. Il-Kunsill qabel.
- Hu qal li qalgħu l-grada ta' *S&D Yachts*. Hemm perikolu mingħajr din il-grada. Il-Kunsill qabel li jsiru żewġ ħadidiet biex jissolva dan il-perikolu.

**F Roe** - Qal li fuq is-siġar tal-palm, ċempel lill-ELC u qallu li qed jisprejawhom.

- Qal ukoll li l-ELC ħa jibdlu l-*pots* mkissra li hemm quddiemu
- Fuq il-*bollard* ta' quddiem il-Mamma Mia, hemm waħda n-naħa tal-ħajt. Trid tiżdied oħra fin-nofs.
- Saqsa hux il-Kunsill ħa jħallas għall-ġbir ta' ħġieġ mill-GreenMT. Il-Kunsill wieġeb fin-negattiv.
- F Roe talab biex sa ma jitlestew iż-żewg blokkok li qed jinbnew viċin il-*Gala Centre*, jinbidel it-*traffic management* biex isir ċirkolari. Kunsill qabel li nressqu din il-proposta lil Transport Malta.
- Qal li quddiem il-bieb tagħhom, it-triq mħarrbta sew u għanda bżonn titranġa bil-konkos.

- Kellna ftit problemi fuq il-knis. Għax-xahar tal-Milied kien hawn kennies ġdid, għax tas-soltu kien msiefer. Il-Kunsill qal dan mhux servizz tajjeb. Sindku qal li nistgħu niprovaw darbtejn fil-ġimgħa Tony jibda jiprova joħrog nofs ta' nhar filgħodu ħa jdurhom sew dawn l-affarijiet, u jekk hekk ma naslux, nistgħu noħorgu tender għal *contracts manager*. Il-Kunsill qabel.

## Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

**F Roe** -Numru 14 - Block A u Block B għandhom prezzijiet differenti. Is-Sindku qal li dawn il-prezzijiet skond xi ftehmu stess mas-*suppliers*.

**T Castelletti** - Numru 18 -Anna qalet li din hija invoice antika għax il-kuntrattur beda jdum biex jibgħata.

- Numru 17 - Anna qalet li din tirreferi għad-*design* tal-*magazine* tal-Kunsill.
- Numru 13 - Saqsa għala għazilna dan l-istampatur? Is-Sindku qal li irħas min tas-soltu u ħareġ *direct order* għax konna tard. Is-Segretarju ikkonferma li dan l-ammont huwa ta' *direct order*. T Castelletti qal li ma jaqbilx li ngħazlu mingħajr ma nitkellmu fil-Kunsill, u hu kontra u jivvota kontriha. Kunsilliera l-oħra qablu li jitħallas.
- Is-Sindku saqsa jekk hux ħa nkomplu bil-kiri tal-latrina publika.T Castelletti qal jekk iżomm dal-istess prezz tajjeb ħafna u nzommuhom.
- Il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet ġiet approvata u iffirmata.

## Performance Bonus

Il-Kunsill qabel fuq ir-rakkomandazzjoni illi l-impjegati kollha tal-Kunsill jinghataw 6% *performance bonus*.

## Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku qal li hemm ċertu blokkok partikolari fi Triq Enrico Mizzi, li għandhom problema fejn ipoġġu l-iskart, u wieħed mill-blokka propona li jekk jarmu fil-kantuniera ħa jdejjqu lill-ħaddieħor. Ir-rimi tal-iskart isir fi skip privat li jsir bejn iż-żewg rappreżentanti tal-blokkok u jkun tagħhom biss. Temporanjament jitpoġġa fil-kantuniera fejn preżentament hemm it-trakkijiet. Il-Kunsill qabel li nkellmu lil *Gala Centre* fuq din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kunsill qabel li jkun mgħotti ukoll bl-injam.

Il-*Gala Centre* ħa jkun qed jitlob biex jgħamel *banner*.

*Ariacon* iridu japlikaw *un/loading bay*. Il-Kunsill ma qabilx li jgħati *car permit*, u jmexxi lill-Transport Malta biex issir un/loading bay. Il-Kunsill qabel li f'dik it-triq ikun hemm massimu ta' erba' *un/loading bays*.

Is-Sindku ressaq proposta ta' kors ta' *Digital Marketing*. Is-Sindku spjega l-kors kollhu. Sindku qal li jiswa €300 u qed jiproponi li nibgħatu lis-Sin. Tonna. Il-Kunsill qabel.

Il-kumpanija KLIKK iltaqgħu mas-Sindku fejn proponew li għal €500 fis-sena, sa massimu ta' 20 siegħa jgħamlu manutenzjoni fuq il-computers tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li joffri din is-somma lill-persuna tal-IT li sal-llum sewwiet il-komputers tal-Kunsill bla ħlas u jkomplu jaħdmu miegħu.

Is-Sindku ressaq applikazjoni għad-dawl temporanju għal kiosk. Is-Segretarju qal din it-talba ma tistgħax tiġi milqugħa għax tmur kontra provedimenti fil-ligi. Il-maġġoranza tal-kunsilliera kienu kontra minħabba ukoll raġunijiet ta' nuqqas ta' parkeġġ.

**Aġġornament**

Il-laqgħa giet aġġornata għal nhar il-Ħamis 29 ta' Jannar fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Max Zammit | Matthew Dimech |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |